



IL-KUMMISSJONI
EWROPEA

Brussell, 12.10.2018
COM(2018) 704 final

**ABBOZZ TA' BAĠIT EMENDATORJU Nru 6
GĦALL-BAĠIT ĠENERALI TAL-2018**

**Tnaqqis ta' approprjazzjonijiet ta' pagament u ta' impenn f'konformità mal-
previżjonijiet aġġornati tan-nefqa u l-aġġornament tad-dħul (riżorsi proprji)**

Wara li kkunsidrat:

- it-Trattat dwar il-Funzjonament tal-Unjoni Ewropea, u b’mod partikolari l-Artikolu 314 tiegħu, flimkien mat-Trattat li jistabbilixxi l-Komunità Ewropea tal-Enerġija Atomika, u b’mod partikolari l-Artikolu 106a tiegħu,
- ir-Regolament (UE, Euratom) Nru 2018/1046 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tat-18 ta’ Lulju 2018 dwar ir-regoli finanzjarji applikabbli għall-baġit ġenerali tal-Unjoni (...)¹, u b’mod partikolari l-Artikolu 44 tiegħu,
- il-baġit ġenerali tal-Unjoni Ewropea għas-sena finanzjarja 2018, kif adottat fit-30 ta’ Novembru 2017²,
- il-baġit emendatorju Nru 1/2018³, adottat fit-30 ta’ Mejju 2018,
- il-baġit emendatorju Nru 2/2018⁴, adottat fl-4 ta’ Lulju 2018,
- il-baġit emendatorju Nru 3/2018⁵, adottat fl-4 ta’ Lulju 2018,
- il-baġit emendatorju Nru 4/2018⁶, adottat fil-11 ta’ Settembru 2018,
- il-baġit emendatorju Nru 5/2018⁷, adottat fit-[3 ta’ Ottubru 2018].

Il-Kummissjoni Ewropea b’dan tippreżenta l-abbozz ta’ baġit emendatorju Nru 6 tal-baġit ġenerali tal-2018 lill-Parlament Ewropew u lill-Kunsill.

BIDLIET FID-DIKJARAZZJONI TAD-DĦUL U N-NEFQA SKONT IT-TAQSIMA

Il-bidliet fid-dikjarazzjoni tad-dħul u n-nefqa skont it-taqsima huma disponibbli fil-EUR-Lex (<https://eur-lex.europa.eu/budget/www/index-mt.htm>). Il-verżjoni bl-Ingliż tal-bidliet f’din id-dikjarazzjoni hija mehmuża għall-informazzjoni bħala anness baġitarju.

¹ ĠU L 193, 30.7.2018, p. 1.

² ĠU L 57, 28.2.2018, p. 1.

³ ĠU L 191, 27.7.2018, p. 1..

⁴ ĠU L XXX, XX.XX.2018 [COM(2018) 227].

⁵ ĠU L XXX, XX.XX.2018 [COM(2018) 310].

⁶ ĠU L XXX, XX.XX.2018 [COM(2018) 361].

⁷ ĠU L XXX, XX.XX.2018 [COM(2018) 537].

WERREJ

1.	INTRODUZZJONI.....	3
2.	TNAQQIS TA' APPROPRIJAZZJONIJIET TA' PAGAMENT U TA' IMPENN	3
2.1	FTEHMIET DWAR SAJD SOSTENIBBLI	3
2.2	AĠENZIJA DEĊENTRALIZZATA – AĠENZIJA EWROPEA GĦAS-SUSTANZI KIMIĊI (ECHA).....	3
2.3	IL-FOND AGRIKOLU EWROPEW TA' GARANZIJA (FAEG)	5
2.4	IL-FOND AGRIKOLU EWROPEW GĦALL-IŻVILUPP RURALI (FAEŻR)	5
3.	AĠĠORNAMENT TAD-DĦUL.....	5
3.1	IMPATT ĠENERALI TAL-ABE 6/2018 FUQ ID-DISTRIBUZZJONI TAL-PAGAMENTI TOTALI TAR-RIŻORSI PROPRJI BEJN L-ISTATI MEMBRI	5
3.2	REVIŻJONI TAL-PREVIŻJONI TAL-BAĠIJIET TAR-RPT, TAL-VAT U TAL-ING	7
3.3	KORREZZJONI TAR-RENJU UNIT TAL-2017 U TAL-2014.....	9
4.	TABELLA SOMMARJA SKONT L-INTESTATURA TAL-QFP	13

1. INTRODUZZJONI

L-iskop ta' Abbozz ta' Baġit Emendatorju (ABE) Nru 6 għas-sena 2018 huwa li jaġġorna kemm in-naħa tan-nefqa kif ukoll in-naħa tad-dħul tal-baġit biex jitqiesu l-aħħar żviluppi:

- fuq in-naħa tal-infiq, li jirrilaxxa l-appropriazzjonijiet ta' impenn u ta' pagament ta' linji baġitarji għall-intestaturi 1a "Kompetittività għat-tkabbir u l-impjiegi" u 2 "Tkabbir sostenibbli — riżorsi naturali";
- fuq in-naħa tad-dħul, li jirrevedi l-previżjoni tar-Riżorsi Propriji Tradizzjonali (jiġifieri dazji doganali u imposti fuq is-settur taz-zokkor), it-taxxa fuq il-valur miżjud (VAT), il-bażijiet tal-introjtu nazzjonali gross (ING), u li jibbaġitja l-korrezzjonijiet rilevanti tar-Renju Unit u l-iffinanzjar tagħhom, li kollha jaffettwaw id-distribuzzjoni ta' kontribuzzjonijiet ta' riżorsi propriji tal-Istati Membri għall-baġit tal-UE.

2. TNAQQIS TA' APPROPRIJAZZJONIJIET TA' PAGAMENT U TA' IMPENN

Il-Kummissjoni tippromovi li taġġusta l-livell ta' appropriazzjonijiet ta' pagament għal ċerti linji baġitarji sabiex jiġu allinjati aktar mill-qrib mal-aħħar stimi tal-ħtiġijiet u taħdem fuq l-ipoteżi li l-ibbilanċjar mill-ġdid tal-appropriazzjonijiet ta' pagament bejn il-linji baġitarji mitluba separatament mill-Kummissjoni fl-hekk imsejjaħ "trasferiment globali" (DEC 22/2018) se jkun aċċettat mill-Parlament Ewropew u mill-Kunsill.

It-tnaqqis fil-livell ta' appropriazzjonijiet ta' impenn u ta' pagament mitluba f'dan l-ABE (EUR 48,7 miljun u EUR 44,7 miljun, rispettivament) tikkonċerna biss l-intestaturi 1a u 2.

Fil-baġit għall-2018 ma fadal l-ebda marġni disponibbli taħt l-intestatura 1a u l-Marġini Globali għall-Impenji (GMC) huwa użat għal ammont ta' EUR 762,5 miljun. Bħala riżultat ta' tnaqqis fl-appropriazzjonijiet ta' impenn proposti f'dan l-ABE fuq din l-intestatura (ara t-taqsima 2.2 hawn taħt), l-ammont ta' GMC użati jtnaqqas kif meħtieġ biex jilħaq EUR 760,6 miljun.

2.1 Ftehimiet dwar Sajd Sostenibbli

Abbażi ta' analiżi aġġornata tas-sitwazzjoni attwali tan-negozjati għall-Ftehimiet ta' Sħubija dwar is-Sajd Sostenibbli, jistgħu jiġu rilaxxati EUR 46,6 miljun f'appropriazzjonijiet ta' impenn u EUR 43,3 miljun f'appropriazzjonijiet ta' pagament mil-linja ta' riżerva (l-artikolu baġitarju 40 02 41).

EUR

Linja Baġitarja	Isem	Appropriazzjonijiet ta' impenn	Appropriazzjonijiet ta' pagament
40 02 41	Appropriazzjonijiet differenzjali (<i>Riżerva għall-artikolu baġitarju 11 03 01 – Stabbiliment ta' qafas ta' governanza għall-attivitajiet tas-sajd imwettqa mill-bastimenti tas-sajd tal-Unjoni f'ilmijiet ta' pajjiżi terzi</i>)	-46 565 000	-43 302 703
Total		-46 565 000	-43 302 703

2.2 Aġenzija deċentralizzata – Aġenzija Ewropea għas-Sustanzi Kimiċi (ECHA)

L-Aġenzija Ewropea għas-Sustanzi Kimiċi (ECHA) f'Helsinki twettaq żewġ tipi ta' attivitajiet iffinanzjati mit-tariffi, marbuta mal-leġiżlazzjoni dwar is-Sustanzi Kimiċi taħt l-intestatura 1a u mal-leġiżlazzjoni dwar il-Bijoċidi taħt l-intestatura 2. Id-dħul mit-tariffi li effettivament irċeviet għal dawn iż-żewġ attivitajiet matul l-2018 evolva f'direzzjonijiet opposti: filwaqt li l-introjtu mill-imposti huwa oġġa mill-previżjoni fl-intestatura 1a, marbut ma' imposti sostanzjali rċevuti sal-iskadenza tar-reġistrazzjoni f'Mejju 2018, hemm tnaqqis sinifikanti fin-numru ta' applikazzjonijiet għal awtorizzazzjonijiet tal-Unjoni għal prodotti bijoċidali. In-nuqqas ta' introjtu mill-imposti li rriżulta fl-intestatura 2 jintlaħqu parzjalment permezz ta' ffrankar tal-ispejjeż relatati ma' attivitajiet dwar il-bijoċidi. Madankollu, il-kontribuzzjoni ta' bilanċ tal-UE taħt l-intestatura 2 jeħtieġ li tissaħħaħ, għal ammont ta' EUR 1,9 miljun f'appropriazzjonijiet ta' impenn u ta'

pagament, li qiegħed jiġi propost li jiġi kkumpensat minn tnaqqis korrispondenti fil-kontribuzzjoni ta' bilanċ tal-UE għall-aġenzija taħt l-intestatura 1a.

EUR

Linja Baġitarja	Isem	Approprjazzjoni jiet ta' impenn	Approprjazzjoni jiet ta' pagament
02 03 03	Aġenzija Ewropea għas-Sustanzi Kimiċi — Leġislazzjoni dwar is-sustanzi kimiċi	-1 900 000	-1 900 000
17 04 07	Aġenzija Ewropea għas-Sustanzi Kimiċi — Attivitajiet fil-qasam tal-leġislazzjoni dwar il-bijoċidi	1 900 000	1 900 000
Total		-	-

2.3 Il-Fond Agrikolu Ewropew ta' Garanzija (FAEG)

Minħabba d-dewmien fir-reklutaġġ ta' fornituri tas-servizzi tal-IT kif ukoll il-kanċellazzjoni ta' ċerti awditi, huwa propost li jitnaqqas il-livell ta' approprjazzjonijiet ta' impenn u ta' pagament tal-entrata baġitarja 05 01 04 01 u tal-artikolu baġitarju 05 08 09.

EUR

Linja Baġitarja	Isem	Approprjazzjoni jiet ta' impenn	Approprjazzjoni jiet ta' pagament
05 01 04 01	Nefqa ta' appoġġ għall-Fond Agrikolu Ewropew ta' Garanzija (FAEG) – Assistenza teknika nonoperazzjonali	-400 000	-400 000
05 08 09	Il-Fond Agrikolu Ewropew ta' Garanzija (EAGF) – Assistenza Teknika operazzjonali	-1 000 000	-1 000 000
Total		-1 400 000	-1 400 000

2.4 Il-Fond Agrikolu Ewropew għall-Iżvilupp Rurali (FAEŻR)

Meta jitqiesu l-posponimenti tal-azzjonijiet/avvenimenti ppjanati b'rabta man-netwerks Ewropej għall-Iżvilupp Rurali u s-Sħubija Ewropea għall-Innovazzjoni, huwa propost li jitnaqqas il-livell ta' approprjazzjonijiet ta' impenn tal-partita tal-baġit 05 04 60 02.

EUR

Linja Baġitarja	Isem	Approprjazzjoni jiet ta' impenn	Approprjazzjoni jiet ta' pagament
05 04 60 02	Assistenza teknika operazzjonali	-700 000	-
Total		-700 000	-

3. AĠĠORNAMENT TAD-DĦUL

3.1 Impatt ġenerali tal-ABE 6/2018 fuq id-distribuzzjoni tal-pagamenti totali tar-riżorsi proprji bejn l-Istati Membri

Wara l-172 laqgħa tal-Kumitat Konsultattiv dwar ir-Riżorsi Proprji (KKRP) tat-18 ta' Mejju 2018, huma meħtieġa żewġ aġġustamenti fuq in-naħa tad-dħul tal-baġit. L-ewwel waħda minn dawn l-aġġustamenti huwa aġġornament tal-istimi għar-Riżorsi Proprji Tradizzjonali (RPT), kif ukoll tar-riżorsi tat-taxxa fuq il-valur miżjud (VAT) u tal-Introjtu Nazzjonali Gross (ING), li huma aġġornati biex jitqiesu previżjonijiet ekonomiċi aktar riċenti. It-tieni aġġustament fuq in-naħa tad-dħul huwa aġġornament tal-korrezzjoni tar-Renju Unit. Dawn iż-żewġ aġġustamenti huma ppreżentati fis-sezzjonijiet 3.2 u 3.3 aktar 'l isfel.

L-impatt globali f' termini tal-aġġustamenti tan-nefqa u tad-dħul ta' dan l-ABE jidher fit-tabella mqassra hawn taħt. Din it-tabella turi d-distribuzzjoni tal-pagamenti totali tar-riżorsi proprji bejn l-Istati Membri: kif ibbaġitjati fil-baġit tal-2018, kif aġġustat fil-baġit emendatorju (BE) 4/2018⁸, u fl-aħħar nett fl-ABE attwali.

Distribuzzjoni tal-pagamenti totali tar-riżorsi proprji mill-Istati Membri (f' miljuni ta' EUR)

	Baġit 2018	BE 4/2018	ABE 6/2018
	(1)	(2)	(3)
BE	6 213,5	6 201,5	5 932,0
BG	519,3	518,0	535,3
CZ	1 787,1	1 782,3	1 941,3
DK	2 754,8	2 746,6	2 735,6
DE	29 560,3	29 468,7	29 579,3
EE	232,3	231,7	241,5
IE	2 299,5	2 293,0	2 401,4
EL	1 743,0	1 737,9	1 701,8
ES	11 870,8	11 838,5	11 831,1
FR	21 933,3	21 869,0	22 182,5
HR	470,1	468,8	479,9
IT	16 586,9	16 539,8	16 714,2
CY	182,2	181,7	195,0
LV	281,8	281,1	274,0
LT	434,1	433,0	439,4
LU	363,0	361,9	363,6
HU	1,199,6	1 196,3	1 223,7
MT	103,6	103,3	110,6
NL	7 378,4	7 358,6	7 331,7
AT	3 228,2	3 218,2	3 353,1
PL	4 645,3	4 632,7	4 779,7
PT	1 824,8	1 819,6	1 865,3
RO	1 706,0	1 701,0	1 803,3
SI	443,9	442,8	456,8
SK	813,5	811,2	829,9
FI	2 062,3	2 056,2	2 132,1
SE	4 042,0	4 028,5	4 013,0
UK	18 152,6	18 086,7	16 916,5
UE	142 832,3	142 408,4	142 363,7

⁸ Il-baġit emendatorju Nru 5/2018 (COM(2018) 537) aġġornat mill-Parlament Ewropew fit-3 ta' Ottubru 2018 ma għandu l-ebda effett fuq id-dħul.

3.2 Reviżjoni tal-previżjoni tal-bażijiet tar-RPT, tal-VAT u tal-ING

Skont il-prassi stabbilita, il-Kummissjoni tipproponi li tirrevedi l-finanzjament tal-baġit abbażi ta' previżjonijiet ekonomiċi aktar reċenti, maqbulha bejn l-Istati Membri fil-laqgħa tal-KKRP.

Ir-reviżjoni tikkonċerna l-previżjoni tar-Riżorsi Propriji Tradizzjonali (RPT) li jridu jitħallsu lill-baġit fl-2018 flimkien mal-previżjoni tal-bażijiet tal-VAT u l-ING tal-2018. Il-previżjoni fil-Baġit tal-2018 ġiet stabbilita fil-169 laqgħa tal-KKRP fid-19 ta' Mejju 2017. Ir-reviżjoni fl-ABE attwali tikkunsidra l-previżjonijiet maqbulha fil-172 laqgħa tal-KKRP tat-18 ta' Mejju 2018. L-użu ta' previżjonijiet aġġornati tar-riżorsi propriji jtejjeb il-preċiżjoni tal-previżjonijiet tad-dħul u konsegwentement dik tal-pagamenti li l-Istati Membri huma mitluba jagħmlu fil-baġit tal-UE matul is-sena baġitarja.

Meta mqabbel mal-previżjoni li ntlaħaq qbil dwarha f'Mejju 2017, il-previżjoni għall-2018 ġiet riveduta kif ġej:

- Issa d-dazji doganali netti totali għall-2018 huma previsti li jlaħħqu l-EUR 20 164,6 miljun (wara t-tnaqqis ta' 20 % fil-kostijiet tal-ġbir), u dan jirrappreżenta tnaqqis ta' 11,73 % meta mqabbel mal-previżjoni ta' EUR 22 844,0 miljun inkluża fil-Baġit tal-2018. Il-Kummissjoni qabblet ir-riżultati tal-metodoloġija tat-tbassir tradizzjonali tal-KKRP (ibbażat fuq it-tbassir makroekonomiku tar-rebbiegħa tal-2018) mar-riżultati tal-estrapolazzjoni bbażata fuq l-aħħar *data* dwar l-eżitu għad-dazji doganali miġbura (Jannar – April 2018). Billi d-differenza bejn iż-żewġ metodi kienet relattivament sinifikanti, il-previżjoni aġġornata tar-RPT tal-KKRP hija aġġustata bis-sħiħ skont il-previżjoni tal-metodu ta' estrapolazzjoni. Madankollu, meta jitqiesu l-ammonti msarrfa wara l-laqgħa tal-KKRP (Mejju - Awwissu 2018), u fuq il-bażi tal-istess metodu ta' estrapolazzjoni, issa l-Kummissjoni aġġornat ulterjorment l-istima tagħha tad-dazji doganali netti fl-2018.

Previżjoni	Ammont f'miljuni ta' EUR	Differenza mill-previżjoni preċedenti
Baġit 2018	22 844,0	
KKRP ta' Mejju 2018	20 501,6	-2 342,4
ABE 6/2018	20 164,6	-337,0

- Is-sentenza tal-Qorti tal-Ġustizzja fil-kawża C-585/15 (il-kawża “Raffinerie Tirlemontoise”), ħassret ir-Regolamenti (KE) Nru 2267/2000 u (KE) Nru 1993/2001. Ir-Regolament tal-Kunsill (UE) 2018/264 tad-19 ta' Frar 2018 jiffissa l-imposti tal-produzzjoni u l-koeffiċjent riveduti għall-kalkolu tal-imposta addizzjonali fis-settur taz-zokkor għas-sena ta' kummerċjalizzazzjoni 1999/2000, u jiffissa l-imposti tal-produzzjoni fis-settur taz-zokkor għas-sena ta' kummerċjalizzazzjoni 2000/2001.

B'riżultat ta' dan, l-Istati Membri se jiġu rimborżati ammont stmat ta' EUR93,0 miljun (ammont nett) b'rabta ma' ħlasijiet żejda ta' dazji fuq iz-zokkor. Ir-rimborż mistenni li jsir sa tmiem is-sena. Għaldaqstant, il-Kummissjoni tipproponi li tibbaġitja r-rimborż taħt l-Artikolu 110 (imposti tal-produzzjoni relatati mas-sena ta' kummerċjalizzazzjoni 2005/2006 u snin preċedenti) fuq in-naħa tad-dħul tal-baġit.

- Il-bażi totali tal-VAT mhux limitata tal-UE għall-2018 issa hija prevista li tkun ta' EUR 6 695 538,5 miljun, li tirrappreżenta tnaqqis ta' -0,53 % meta mqabbla mal-previżjoni ta' Mejju tal-2017 ta' EUR 6 731 265,9 miljun. Il-bażi totali tal-VAT *limitata* tal-UE għall-2018⁹

⁹ F'konformità mad-Deċiżjoni tal-Kunsill Nru 2014/335, jekk il-bażi tal-VAT ta' Stat Membru taqbeż il-50 % tal-ING tiegħu, din tiġi limitata sa dawn il-50 %. Għall-ABE 6/2018, erba' Stati Membri se jkollhom il-bażi tal-VAT tagħhom limitata għal 50 % tal-ING: il-Kroazja, Ċipru, il-Lussemburgu u Malta.

hija prevista li tkun ta' EUR 6 676 686,2 miljun, li tirrappreżenta tnaqqis ta' -0,52 % meta mqabbla mal-previżjoni ta' Mejju 2017 ta' EUR 6 711 411,1 miljun.

- Il-bażi totali tal-ING tal-UE għall-2018 hija prevista għal EUR 15 871 050,2 miljun, jiġifieri żieda (+0,78 %) meta mqabbel mal-previżjoni ta' Mejju 2017 ta' EUR 15 747 670,0 miljun.

Intużaw ir-rati tal-kambju tad-29 ta' Diċembru 2017 biex tinqaleb il-previżjoni tal-bażijiet tal-VAT u l-ING mill-munita nazzjonali għall-euro (għad-disa' Stati Membri li mhumiex membri fiż-żona tal-euro). Dan jevita distorsjonijiet għaliex din hija r-rata li tintuża sabiex jinqalbu l-pagamenti bbaġitjati tar-riżorsi proprji minn euro għall-munita nazzjonali meta dawn l-ammonti jinġabru (kif stipulat fl-Artikolu 10a(1) tar-Regolament tal-Kunsill Nru 609/2014).

Il-previżjonijiet riveduti tar-RPT, tal-bażijiet tal-VAT mhux limitati u tal-bażijiet tal-ING għall-2018 huma ppreżentati fit-tabella li ġejja:

Previżjonijiet riveduti tar-RPT, tal-bażijiet tal-VAT u tal-ING għall-2018 (f'miljuni ta' EUR)

	Imposti fuq iz-zokkor (80%)	Dazji doganali (80%)	Bażijiet tal-VAT mhux limitati	Bażijiet tal-ING	Limitati Bażijiet tal-VAT¹⁰
BE	5,7	2 090,5	192 420,2	452 469,9	192 420,2
BG	0,0	75,2	25 520,9	52 909,9	25 520,9
CZ	0,0	260,9	83 389,2	197 318,5	83 389,2
DK	- 3,4	336,1	113 888,9	304 009,8	113 888,9
DE	28,4	4 036,0	1 394 449,9	3 459 748,4	1 394 449,9
EE	0,0	30,0	12 105,4	24 232,9	12 105,4
IE	- 0,7	282,7	86 665,6	255 025,2	86 665,6
EL	- 0,7	158,0	72 214,4	183 573,7	72 214,4
ES	- 2,3	1 518,6	520 432,1	1 210 798,4	520 432,1
FR	- 26,9	1 623,0	1 053 145,8	2 409 104,3	1 053 145,8
HR	0,0	41,3	30 897,0	50 176,7	25 088,4
IT	- 9,2	1 821,2	686 348,0	1 775 333,9	686 348,0
CY	0,0	21,4	13 076,7	19 832,7	9 916,4
LV	0,0	34,1	11 487,9	28 465,5	11 487,9
LT	0,0	78,8	17 514,0	42 597,6	17 514,0
LU	0,0	21,5	27 693,1	39 171,3	19 585,7
HU	0,0	145,6	53 323,9	126 897,4	53 323,9
MT	0,0	11,7	7 430,8	11 309,9	5 655,0
NL	- 6,5	2 437,3	311 915,0	764 707,6	311 915,0
AT	- 2,7	215,3	171 017,2	387 050,1	171 017,2
PL	0,0	648,8	206 768,9	485 536,5	206 768,9
PT	- 0,2	155,1	97 465,1	196 157,5	97 465,1
RO	0,0	160,2	73 124,7	196 940,5	73 124,7
SI	0,0	65,8	20 783,1	45 497,7	20 783,1
SK	0,0	91,3	30 752,0	89 215,0	30 752,0
FI	- 0,6	138,1	98 780,8	234 697,1	98 780,8
SE	- 1,4	519,3	214 417,0	497 268,8	214 417,0
UK	- 4,4	3 146,8	1 068 510,9	2 331 003,4	1 068 510,9
EU-28	- 93,0	20 164,6	6 695 538,5	15 871 050,2	6 676 686,2

¹⁰. L-ammonti mmarkati bil-griż jirriżultaw mill-bażijiet tal-VAT limitati, kif spjegat fin-nota 9 f'qiegħ il-paġna aktar 'il fuq.

3.3 Korrezzjoni tar-Renju Unit tal-2017 u tal-2014

3.3.1 Introduzzjoni

Il-korrezzjoni tal-iżbilanċi tal-baġit favur ir-Renju Unit (il-korrezzjoni tar-Renju Unit), li għandha tkun ibbaġitjata fl-ABE preżenti, tikkonċerna sentejn: l-2014 u l-2017.

Il-korrezzjoni tar-Renju Unit tal-2014 u tal-2017 hija soġġetta għar-regoli tad-Deċiżjoni tal-Kunsill Nru 2014/335/UE, Euratom dwar is-sistema tar-riżorsi proprji¹¹ tal-Unjoni Ewropea u tad-dokument ta' ħidma li jakkumpanjaha, il-*Metodu ta' Kalkolu tal-2014*¹². Skont ir-regoli ta' din id-Deċiżjoni, id-“dħul mhux ippjanat” nett tar-RPT tar-Renju Unit li jirriżulta miż-żieda, sa mill-2001, fil-perċentwal tar-RPT miżmuma mill-Istati Membri bħala kumpens għall-kostijiet tal-ġbir tagħhom, huma newtralizzati u n-nefqa allokata hija aġġustata permezz tan-nefqa allokata totali fl-Istati Membri li ssieħbu fl-UE wara t-30 ta' April 2004, hliief għall-pagamenti diretti agrikoli u n-nefqa relatata mas-suq kif ukoll dik il-parti tan-nefqa tal-iżvilupp rurali li toriġina mit-Taqsima tal-Garanziji tal-FAEGG.

Barra dan, is-sehem tal-Awstrija, tal-Ġermanja, tan-Netherlands u tal-Iżvezja fl-iffinanzjar tal-korrezzjoni tar-Renju Unit huwa mnaqqas għal kwart tas-sehem normali kemm għall-korrezzjoni tal-2014 kif ukoll għall-korrezzjoni tal-2017. It-tnaqqis huwa ffinanzjat mill-Istati Membri l-oħra, minbarra r-Renju Unit.

Fl-ABE attwali hemm imniżżla l-kalkolu u l-iffinanzjar tal-*l-el aġġornament* tal-korrezzjoni tar-Renju Unit *tal-2017* kif ukoll l-*ammont definittiv* tal-korrezzjoni tar-Renju Unit *tal-2014*.

Id-differenza bejn *l-ammont definittiv tal-korrezzjoni tar-Renju Unit għall-2014* u l-ammont ibbaġitjat preċedentament (it-*2ni aġġornament* fil-BE 5/2016) iddaħħlet taħt il-kapitolu 35 (Riżultat tal-kalkolu definittiv tal-finanzjament tal-korrezzjoni tal-iżbilanċi baġitarji għar-Renju Unit) ta' dan l-ABE.

L-*l-el aġġornament tal-ammont tal-korrezzjoni tar-Renju Unit għall-2017* huwa mniżżel fil-kapitolu 15 (Korrezzjoni tal-iżbilanċi baġitarji) ta' dan l-ABE, u jissostitwixxi l-*ammont provviżorju* ibbaġitjat preċedentement.

3.3.2 Kalkolu tal-korrezzjonijiet

L-aġġornament tal-korrezzjonijiet għall-2014 u l-2017 jirriżulta prinċipalment mill-aġġornament tal-bażijiet tal-VAT u tal-ING kif ikkomunikat mill-Istati Membri fil-ħarifa tal-2017. Barra minn hekk, l-aġġornament tal-korrezzjoni għall-2017 tqis ukoll in-nefqa allokata tal-2017.

3.3.2.1 Il-korrezzjoni tar-Renju Unit għall-2017

It-tabella li jmiss tiġbor fil-qosor il-bidliet bejn *l-ammont provviżorju* tal-korrezzjoni tar-Renju Unit għall-2017 imdaħħal fil-Baġit tal-2018 u l-*l-el aġġornament* tal-korrezzjoni għar-Renju Unit għall-2017 li jrid jiddaħħal fl-ABE attwali.

¹¹ ĠU L 168, 7.6.2014, p. 105-111.

¹² Id-Dokument ta' ħidma tal-Kummissjoni tal-14 ta' Mejju 2014 “Il-kalkolu, l-iffinanzjar, il-pagament u d-dħul fil-baġit tal-korrezzjoni tal-iżbilanċi baġitarji favur ir-Renju Unit (“il-korrezzjoni”) skont l-Artikoli 4 u 5 tad-Deċiżjoni tal-Kunsill 2014/335/KE, Euratom dwar is-sistema ta' riżorsi proprja tal-Unjoni Ewropea”.

Il-korrezzjoni tar-Renju Unit għall-2017		Il-korrezzjoni tar-Renju Unit għall-2017	Il-korrezzjoni tar-Renju Unit għall-2017	Differenza
		PROVVIŻORJA Baġit 2018	L-1el AĠĠORNAMENT T ABE 6/2018	
		(1)	(2)	(2)-(1)
(1)	Sehem ir-Renju Unit mill-bażi tal-VAT mhux limitata	17,1194%	16,2266%	-0,8928%
(2)	Sehem ir-Renju Unit min-nefqa allokata totali aġġustata għat- tkabbir	7,4429%	7,0114%	-0,4315%
(3)	= (1) - (2)	9,6765%	9,2152%	-0,4613%
(4)	Nefqa totali allokata	118 550 222 885	110 827 970 366	- 7 722 252 519
(5)	Nefqa relatata mat- tkabbir	25 135 292 635	20 962 713 989	- 4 172 578 647
(5a)	= (5a) + (5b)			
(5a)	Nefqa ta' qabel l-adezzjoni	0	0	0
(5b)	Nefqa relatata mal-Art. 4(1)(g)	25 135 292 635	20 962 713 989	- 4 172 578 647
(6)	Nefqa allokata totali aġġustata għat- tkabbir = (4) - (5)	93 414 930 250	89 865 256 377	- 3 549 673 872
(7)	Ammont oriġinali tal-korrezzjoni tar-Renju Unit = (3) x (6) x 0.66	5 965 942 623	5 465 655 078	- 500 287 545
(8)	Vantaġġ tar-Renju Unit	1 019 406 910	548 929 008	- 470 477 902
(9)	Korrezzjoni bażika tar-Renju Unit = (7) - (8)	4 946 535 713	4 916 726 069	- 29 809 643
(10)	Qligħ mhux mistenni mir-RPT	- 45 769 948	- 17 211 574	+ 28 558 374
(11)	Korrezzjoni tar-Renju Unit = (9) - (10)	4 992 305 660	4 933 937 643	- 58 368 017

L-1el aġġornament tal-korrezzjoni tar-Renju Unit għall-2017 huwa ta' madwar EUR 58 miljun anqas meta mqabbel mal-ammont provviżorju tal-korrezzjoni tar-Renju Unit għall-2017 imdaħħal fil-Baġit tal-2018.

3.3.2.2 Korrezzjoni għar-Renju Unit għall-2014

It-tabella li jmiss tiġbor fil-qosor il-bidliet bejn it-2ni aġġornament tal-korrezzjoni tar-Renju Unit għall-2014 fil-BE 5/2016 u l-ammont definittiv tal-korrezzjoni tar-Renju Unit għall-2014 li għandu jiddaħħal fl-ABE attwali.

Korrezzjoni tar-Renju Unit għall-2014		Korrezzjoni tar-Renju Unit għall-2014	Korrezzjoni tar-Renju Unit għall-2014	Differenza
		It-2ni AĠĠORNAMENT T BE 5/2016	DEFINITTIV ABE 6/2018	
		(1)	(2)	(2)-(1)
(1)	Sehem ir-Renju Unit mill-bażi tal-VAT mhux limitata	17,4319 %	17,3737 %	+ 0,0582%
(2)	Sehem ir-Renju Unit min-nefqa allokata totali aġġustata għat- tkabbir	7,4180 %	7,4180 %	+ 0,0000 %
(3)	= (1) - (2)	10,0139 %	9,9557 %	+ 0,0582%
(4)	Nefqa totali allokata	128 669 838 650	128 669 838 650	0
(5)	Nefqa relatata mat- tkabbir	33 342 488 843	33 342 488 843	0
(5a)	= (5a) + (5b)			
(5a)	Nefqa ta' qabel l-adezzjoni	0	0	0
(5b)	Nefqa relatata mal-Art. 4(1)(g)	33 342 488 843	33 342 488 843	0
(6)	Nefqa allokata totali aġġustata għat- tkabbir = (4) - (5)	95 327 349 807	95 327 349 807	0
(7)	Ammont oriġinali tal-korrezzjoni tar-Renju Unit = (3) x (6) x 0.66	6 300 352 079	6 263 729 054	- 36 623 025

Korrezzjoni tar-Renju Unit għall-2014	Korrezzjoni tar- Renju Unit għall- 2014 It-2ni AĠĠORNAMEN T BE 5/2016	Korrezzjoni tar- Renju Unit għall-2014 DEFINITTIV ABE 6/2018	<i>Differenza</i>
(8) Vantaġġ tar-Renju Unit	1 162 878 038	1 023 430 934	- 139 447 104
(9) Korrezzjoni bażika tar-Renju Unit = (7) - (8)	5 137 474 040	5 240 298 119	+ 102 824 079
(10) Qligħ mhux mistenni mir-RPT	-28 189 034	-26 930 139	+ 1 258 896
(11) Korrezzjoni tar-Renju Unit = (9) - (10)	5 165 663 075	5 267 228 258	+101 565 183

L-ammont *definittiv* tal-korrezzjoni tar-Renju Unit għall-2014 huwa ta' EUR 102 miljun iżjed meta mqabbel mat-2ni *aġġornament* tal-korrezzjoni tar-Renju Unit għall-2014 imniżżel fil-BE 5/2016 prinċipalment minħabba l-aġġornamenti tal-VAT u l-ING kif ikkomunikati mill-Istati Membri fil-ħarifa tal-2017.

3.3.3 *Entrata fl-ABE 6/2018 tal-1el aġġornament tal-korrezzjoni tar-Renju Unit tal-2017 u tal-ammont definittiv tal-korrezzjoni tar-Renju Unit tal-2014*

3.3.3.1 Korrezzjoni tar-Renju Unit għall-2014 (kapitolu 35)

L-ammont tal-korrezzjoni tar-Renju Unit li jrid jiġi bbaġitjat fil-kapitolu 35 tal-ABE attwali huwa d-differenza bejn l-ammont definittiv tal-korrezzjoni tar-Renju Unit għall-2014 (jiġifieri EUR 5 267 228 258) u t-2ni aġġornament tal-korrezzjoni tar-Renju Unit għall-2014 (jiġifieri EUR 5 165 663 075 imdaħħal fil-BE 5/2016), li jammonta għal EUR 101 565 183.

Dan l-ammont se jiġi ffinanzjat skont il-bażijiet riveduti tal-ING tal-2014 kif magħrufa fl-aħħar tal-2017. L-ibbaġitjar ta' dan l-ammont fil-kapitolu 35 huwa ppreżentat fil-qosor hawn isfel:

Korrezzjoni tar-Renju Unit għall-2014 — Kapitolu 35			
BE	1 189 588	LU	396 101
BG	1 314 590	HU	1 450 317
CZ	4 774 050	MT	287 498
DK	6 637 880	NL	1 144 795
DE	4 827 592	AT	1 225 444
EE	79 593	PL	3 032 377
IE	17 082 160	PT	904 421
EL	1 707 571	RO	974 427
ES	6 540 304	SI	-64 803
FR	23 264 515	SK	1 838 327
HR	827 042	FI	2 716 018
IT	17 952 849	SE	793 690
CY	552 558		
LV	-273 682	UK	- 101 565 183
LT	389 961	Total	0

1.3.3.2 Korrezzjoni tar-Renju Unit għall-2017 (kapitolu 15)

L-1el aġġornament tal-korrezzjoni tar-Renju Unit għall-2017 jikkorrispondi għal EUR 4 933 937 643 u huwa EUR 58 368 017 miljun aktar baxx mill-ammont imdaħħal fil-Baġit tal-2018 (EUR 4 992 305 660).

Dan l-ammont għandu jkun iffinanzjat skont il-bażijiet tal-ING riveduti tal-2018 tal-ABE attwali. L-ibbaġitjar ta' dan l-ammont fil-kapitolu 15 huwa ppreżentat fil-qosor hawn isfel:

Korrezzjoni tar-Renju Unit għall-2017 – kapitolu 15			
BE	239 806 867	LU	20 760 600
BG	28 041 992	HU	67 255 010
CZ	104 577 854	MT	5 994 192
DK	161 123 729	NL	69 664 080
DE	315 179 541	AT	35 259 868
EE	12 843 320	PL	257 332 005
IE	135 162 127	PT	103 962 530
EL	97 293 176	RO	104 377 516
ES	641 717 317	SI	24 113 562
FR	1 276 813 669	SK	47 283 520
HR	26 593 409	FI	124 388 332
IT	940 918 412	SE	45 300 679
CY	10 511 235		
LV	15 086 578	UK	- 4 933 937 643
LT	22 576 523	Total	0

4. TABELLA SOMMARJA SKONT L-INTESTATURA TAL-QFP

Intestatura	Baġit 2018 (inkl. BE 1-5/2018)		Abbozz ta' Baġit Emendatorju Nru 6/2018		Baġit 2018 (inkl. BE 1-5 u ABE 6/2018)	
	AI	AP	AI	AP	AI	AP
1. Tkabbir intelliġenti u inklużiv	77 533 697 652	66 624 486 101	- 1 900 000	- 1 900 000	77 531 797 652	66 622 586 101
<i>Li minnhom taħt il-marġni globali għall-impjenji</i>	<i>1 113 697 652</i>		<i>- 1 900 000</i>		<i>1 111 797 652</i>	
<i>Limitu massimu</i>	<i>76 420 000 000</i>				<i>76 420 000 000</i>	
<i>Marġni</i>						
1a Kompetittività għat-tkabbir u għall-impjieg	22 001 452 724	20 097 167 844	- 1 900 000	- 1 900 000	21 999 552 724	20 095 267 844
<i>Li minnhom taħt il-marġni globali għall-impjenji</i>	<i>762 452 724</i>		<i>- 1 900 000</i>		<i>760 552 724</i>	
<i>Limitu massimu</i>	<i>21 239 000 000</i>				<i>21 239 000 000</i>	
<i>Marġni</i>						
1b Koeżjoni ekonomika, soċjali u territorjali	55 532 244 928	46 527 318 257			55 532 244 928	46 527 318 257
<i>Li minnhom taħt il-marġni globali għall-impjenji</i>	<i>351 244 928</i>				<i>351 244 928</i>	
<i>Limitu massimu</i>	<i>55 181 000 000</i>				<i>55 181 000 000</i>	
<i>Marġni</i>						
2. Tkabbir sostenibbli: riżorsi naturali	59 285 323 122	56 083 793 633	- 46 765 000	- 42 802 703	59 238 558 122	56 040 990 930
<i>Limitu massimu</i>	<i>60 267 000 000</i>				<i>60 267 000 000</i>	
<i>Marġni</i>	<i>981 676 878</i>				<i>1 028 441 878</i>	
<i>Li minnhom: Il-Fond Agrikolu Ewropew ta' Garanzija (FAEG) – Nefqa marbuta mas-suq u pagamenti diretti</i>	<i>43 234 516 899</i>	<i>43 188 677 466</i>	<i>- 1 400 000</i>	<i>- 1 400 000</i>	<i>43 233 116 899</i>	<i>43 187 277 466</i>
<i>Sottolimitu</i>	<i>44 163 000 000</i>				<i>44 163 000 000</i>	
<i>Marġni tal-FAEG</i>	<i>927 833 101</i>				<i>929 233 101</i>	
3. Sigurtà u ċittadinanza	3 493 241 199	2 980 707 175			3 493 241 199	2 980 707 175
<i>Li minnhom taħt l-Istrument ta' Flessibilità</i>	<i>837 241 199</i>				<i>837 241 199</i>	
<i>Limitu massimu</i>	<i>2 656 000 000</i>				<i>2 656 000 000</i>	
<i>Marġni</i>						
4. Ewropa Globali	10 068 842 411	8 906 075 154			10 068 842 411	8 906 075 154
<i>Li minnhom taħt il-marġni globali għall-impjenji</i>	<i>243 842 411</i>				<i>243 842 411</i>	
<i>Limitu massimu</i>	<i>9 825 000 000</i>				<i>9 825 000 000</i>	
<i>Marġni</i>						
5. Amministrazzjoni	9 665 513 627	9 666 318 627			9 665 513 627	9 666 318 627
<i>Limitu massimu</i>	<i>10 346 000 000</i>				<i>10 346 000 000</i>	
<i>Li minnhom paċuti mal-Marġni ta' kontinġenza</i>	<i>- 318 000 000</i>				<i>- 318 000 000</i>	
<i>Marġni</i>	<i>362 486 373</i>				<i>362 486 373</i>	
<i>Li minnhom: Nefqa amministrattiva tal-istituzzjonijiet</i>	<i>7 579 920 627</i>	<i>7 580 725 627</i>			<i>7 579 920 627</i>	<i>7 580 725 627</i>
<i>Sottolimitu</i>	<i>8 360 000 000</i>				<i>8 360 000 000</i>	
<i>Li minnhom paċuti mal-Marġni ta' kontinġenza</i>	<i>- 318 000 000</i>				<i>- 318 000 000</i>	
<i>Marġni</i>	<i>462 079 373</i>				<i>462 079 373</i>	
Total	160 046 618 011	144 261 380 690	- 48 665 000	- 44 702 703	159 997 953 011	144 216 677 987
<i>Li minnhom taħt l-Istrument ta' Flessibilità</i>	<i>837 241 199</i>	<i>678 340 197</i>			<i>837 241 199</i>	<i>678 340 197</i>
<i>Li minnhom taħt il-marġni globali għall-impjenji</i>	<i>1 357 540 063</i>		<i>- 1 900 000</i>		<i>1 355 640 063</i>	
<i>Limitu massimu</i>	<i>159 514 000 000</i>	<i>154 565 000 000</i>			<i>159 514 000 000</i>	<i>154 565 000 000</i>
<i>Li minnhom paċuti mal-Marġni ta' kontinġenza</i>	<i>- 318 000 000</i>				<i>- 318 000 000</i>	
<i>Marġni</i>	<i>1 344 163 251</i>	<i>10 981 959 507</i>			<i>1 390 928 251</i>	<i>11 026 662 210</i>
Strumenti speċjali oħra	698 540 311	551 238 311			698 540 311	551 238 311
Total Kumplessiv	160 745 158 322	144 812 619 001	- 48 665 000	- 44 702 703	160 696 493 322	144 767 916 298